QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 1 TA' FRAR 2002

Avviz Nru 316/98DM

Formosa & Camilleri Ltd u dawn bhala agenti tad-ditta estera Guardian Royal Exchange Assurance PLC kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurati taghhom Emanuel Falzon u l-istess Emanuel Falzon

vs

Silvio Briffa

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu il-kundanna tal-konvenut sabiex jhallas is-somma komplessiva ta' Lm311 (tlett mija u hdax lira) kwantu ghal Lm286 (mitejn u sitta u tmenin lira) mhallsa mill-attur noe fuq vettura DAA 241, assigurata comprehensive hlief ghal Lm25 (hamsa u ghoxrin lira ) 'excess ' u ghal liema somma l-attur jinsab surrogat fid-drittijiet ta' Emanuel Falzon, u kwantu ghal Lm25 (hamsa u ghoxrin lira) "excess" imhallsa minn Emanuel Falzon u dan kollu b'rizultat ta' habta li grat fil-16 ta' Mejju 1997 go Marsa, meta waqt li kien qed isuq il-vettura X- 0951 habat mall-vettura DAA241 propjeta ta' Emanuel Falzon u misjuqa minn Emanuel Falzon u ghal liema incident kien unikament responsabbli l-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghax tat-8% fuq Lm311 mid-data tal-prezentata tal-avviz sal-hlas effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni u dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal- prezentata tal-avviz kontra Fenici Insurance Brokers Ltd u tal-ittra legali tat-3 ta' Lulju 1997; 15 ta' Lulju 1997.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Silvio Briffa fejn eccepixxa illi:

1 It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt sstante li l-konvenut m'huwiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni;
2 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tat-18 ta' Novembru 2001 fejn il-konvenut assistit mid-difensur tieghu jiddikjara li mhux qed jikkontesta l-quantum tad-danni izda r-responsabbilta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process;  u

Ikkunsidrat:-

Ili m'hemmx divergenza  bejn il-verzjonijiet moghtija mid-diversi xhieda illi kien involuti f'din il-kollizjoni.  Infatti, z-zewg sewwieqa, il-kontendenti Emanuel Falzon u Silvio Briffa, ikkoroborrati mill-passiggieri li kellhom maghhom, jaqblu illi l-kollizjoni grat meta l-konvenut li kien qieghed isuq b'velocita iktar minn dik konsentita fil-lokal, hareg minn go triq kontra l-'one way traffic' u meta dahal ghal go Isouard Street, fejn kien qieghed isuq b'mod regolari l-attur Emanuel Falzon, huwa habat mall-vettura ta' l-istess  Emanuel Falzon minhabba l-ispazju ristrett kawza tal-vetturi pparkeggjati fuq in-nahat tat-triq.

L-istess konvenut jammetti wkoll illi anke meta hareg minn go Triq Maria Assunta kontra l-'one way' huwa lanqas ma waqaf biex jesplora t-triq, izda baqa' hiereg bl-istess velocita li kien miexi qabel, u li laqat il-vettura tal-attur wara li kien ghadu pproceda biss xi tlett tulijiet ta' vettura fi Triq Isouard.

Evidentement dawn il-verzjonijiet huma indikattivi ta' responsabbilta' esklussiva da parti tal-konvenut ghall-incident.  Il-konvenut min-naha tieghu izda jippretendi illi m'ghandux jkun tenut responsabbli ghall-incident minhabba illi huwa kien qieghed jigi segwit minn vettura ohra misjuqa minn persuni injoti, u minhabba l-biza huwa kien qieghed isuq bil-mod irregolari illi rrizulta.

Ghalkemm il-Qorti tapprezza illi effettivament jista' jkun illi kienet dina l-vettura l-ohra illi waslet biex il-konvenut isuq kontra r-regolamenti tat-traffiku, xorta wahda ma jistghax jezimi ruhu mir-responsabbilta tieghu fil-konfront tal-attur meta ma jirrizulta ebda indizju illi l-attur kien b'xi mod ikkontribwixxa ghall-kollizjoni.

Dwar il-kollizjoni li grat  bejn il-kontendenti l-attur ghandu relazzjoni diretta biss mal-konvenut u l-konvenut irid jirrispondi lill-attur  ghal dak kollhu li ikkawza salv id-drittijiet tieghu kontra  terzi "si et quatenus".

Inoltre l-Qorti tirrileva illi l-konvenut kien anke hati ta' nuqqasijiet ohra meta wara l-habta u meta accerta ruhu li ma kienx qieghed jigi segwit huwa xorta wahda ma rrapportax l-incident u kellu jigi rintraccjat mill-awtoritajiet.

Inoltre huwa wkoll inverosimili illi l-konvenut b'zewg passiggieri mieghu, nonostante li kien qieghed jigi segwit u imbezzgha minn vettura ohra, ma rnexxielux jidentifika n-numru tar-registrazzjoni ta' din il-vettura biex setgha jaqsam ir-responsabbilta' in solidum ma' din il-vettura u jekk mhux a dirittura jkopri ghan-nuqqasijiet tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u billi ma saret ebda kontestazzjoni dwar id-danni mitluba mill-atturi, l-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici u qieghdha tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-atturi s-somma komplessiva mitluba ta' Lm311.00 (tlett mija u hdax il-lira Maltin ), bl-imghax legali b'effett mill-20 ta' Frar 1998; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ30